# KUNSILL LOKALI MARSA

*Minuti ta' l-Għaxar laqgħa tal-Kunsill tal-Marsa li saret b'urġenza nhar il-Ġimgħa 5 t'Ottubru 2012 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, fis-siegħa w nofs ta' filgħaxija (1.30pm).*

## *Preżenti*

| | |
|---|---|
| Is-Sur Francis Debono | Viċi Sindku |
| Is-Sur Josef Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Grima | Kunsillier |
| Is-Sur Noel Scerri | Kunsillier |
| Is-Sur Dominic Spencer | Kunsillier |
| Is-Sur Anthony Buħagiar | Kunsillier |

Il-Viċi Sindku fin-nuqqas ta Sindku ippresieda l-laqgħa.

## *1. Talba.*

Il-Viċi Sindku s-Sur Francis Debono qal it-talba.

## *2. Laqgħa Pubblika*

Il-Viċi Sindku s-Sur Francis Debono qal li talab din il-laqgħa b'urġenza wara li nħasset il-ħtieġa li l-Kunsill jieħu deċiżjoni jekk ikomplhiex bil-laqgħa pubblika li għanda ssir illum fis-sitta w nofs ta' filgħaxija (6.30pm), dan wara persistenza kontinwa fuq il-mezzi tax-xandir dwar il-każ li huwa involut fih l-Ex Sindku s-Sur Christopher Spiteri. Hu kompla jgħid li wara konsultazzjoni mas-Segretarju dwar l-attivitajiet tal-Kunsill kif deċiż mill-istess Kunsill, ġie deċiż li jitkomplew u dan l'għaliex ix-xogħol tal-Kunsill għandu jitkompla u fil-fatt hekk sar bil-kontinwazzjoni tal-laqgħa ma' l-Għaqdiet nhar il-Erbgħa 3 ta' Ottubru fis-sitta w nofs ta' filgħaxija (6.30pm) fis-Sala Parrokjali San Piju X wara li ġie kkonsultat ukoll il-Kunsillier responsabbli s-Sur Dominic Spencer. Issa pero' nħasset il-ħtieġa li l-Kunsill jiddeċieda jekk jipproċedhiex jew le b'din il-laqgħa Pubblika nvista li kontinwament qed jissemma l-każ fuq il-media .

2.1 Saret diskussjoni twila fuq dan is-suġġett, fejn fost l-oħrajn s-Sur Josef Azzopardi qal li hu ta' l-oppinjoni li din l-laqgħa ma ssirx, iżda jaħseb li l-Kunsill jkollhu l-problema ta' kif il-pubbliku ser jiġi mgħarraf minħabba li ż-żmien huwa qasir. Hu żied jgħid li jkun għaqli wkoll li l-Kunsill ikollhu Sindku u Viċi Sindku qabel issir din il-laqgħa u jaħseb ukoll li l-Kunsill għandu jiddistakka ruħu minn din is-sitwazzjoni preżenti mħabbra fil-media.

2.2 Is-Sur Dominic Spencer qal li bil-każ preżenti fuq l-ex Sindku, l-Kunsill Lokali tal-Marsa qed jingħata wkoll immaġni ħażina u jekk il-Kunsill ma jkompliex bil-ħidma tiegħu u allura jħassar din il-laqgħa, l-Kunsill ikun qed ikompli jgħarraq is-sitwazzjoni u d-dell ikraħ li qed jingħata lill-Kunsill tal-Marsa. Hu kompla jgħid li dan is-suġġett għandu jiġi diskuss u ndirizzata mill-Kunsill f'seduta oħra.

2.3 Is-Sur Anthony Buħagiar qal li fiċ-ċirkostanzi preżenti hu jaħseb li jkun għaqli li l-Kunsill iżomm is-sitwazzjoni kwieta u l-Laqgħa Pubblika ma ssirx.

2.4 Is-Sur Joseph Grima qal li x-xogħol tal-Kunsill għandu jibqa' għaddej u ġara x'ġara dan il-Kunsill għandu jibqa' jipproċedi għax jekk tali laqgħa tiġi postposta għal darba oħra, l-Kunsill jkun qed jagħti aktar importanza milli mistħoqa s-sitwazzjoni preżenti.

Is-Sur Noel Scerri daħal fis-sala fis-sagħtejn ta' wara nofs inhar (2.00pm).

2.5 Is-Sur Francis Debono qal li huwa m'għandu l'ebda diffikulta' la jekk issir il-laqgħa u lanqas jekk ma ssirx illum għax ix-xogħol tal-Kunsill għandu jitkompla u jifhem li fiċ-ċirkostanza preżenti l-għażla li tali laqgħa tiġi postposta tkun deċiżjoni tajba pero' hu ma jsib l'ebda diffikulta' li l-Laqgħa Pubblika tkompli kif skedata.

2.6 Is-Sur Noel Scerri qabel mall-Viċi Sindku li x-xogħol tal-Kunsill għandu jitkompla iżda fl-opinjoni tiegħu iċ-ċirkostanzi preżenti nbiddlu u jaħseb li jkun għaqli li din il-laqgħa issir f'ġurnata oħra.

2.7 Is-Sur Dominic Spencer ippropona li l-Laqgħa Pubblika titkompla u ssir kif avżat u deċiż mill-Kunsill jiġifieri llum il-Ġimgħa 5 t'Ottubru fis-sitta w nofs ta' filgħaxija (6.30pm) fis-Sala San Piju X. Is-Sur Joseph Grima ssekonda. Il-Vot kien ta' tlieta favur u tlieta kontra. Il-Viċi Sindku ntalab jagħti l-'casting vote' li kien kontra. Il-mozzjoni m'għaddietx.

Il-Laqgħa spiċċat fis-sagħtejn u nofs u ħamsa ta' wara nofs inhar (2.35pm ).

Francis Debono
Viċi Sindku

Adrian Attard B.Comm.B.A.(Hons) MBA
Segretarju Eżekuttiv